2025/841

6.5.2025

Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' *data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri

IL-KANADA

u

L-UNJONI EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

WAQT LI JFITTXU l-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-terroriżmu u r-reati marbuta miegħu, kif ukoll kriminalità tranżnazzjonali serja oħra, bħala mezz biex jipproteġu s-soċjetajiet demokratiċi rispettivi tagħhom u l-valuri komuni bil-għan li jippromwovu s-sigurtà u l-istat tad-dritt;

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-terroriżmu u r-reati marbuta miegħu, kif ukoll kriminalità tranżnazzjonali serja oħra, filwaqt li jippreservaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-*data*;

WAQT LI JFITTXU li jsaħħu u li jħeġġu l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-ispirtu ta' sħubija bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea;

WAQT LI JIRRIKONOXXU li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni hija element essenzjali tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalitajiet relatati u kriminalità tranżnazzjonali serja oħra, u li f'dan il-kuntest, l-użu tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record, PNR) huwa strument importanti ferm biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

WAQT LI JIRRIKONOXXU li, sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà pubblika u għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, jenħtieġ li jiġu stipulati regoli li jirregolaw it-trasferiment tad-*data* tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru lill-Kanada;

WAQT LI JIRRIKONOXXU li l-Partijiet jikkondividu valuri komuni f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza, li huma riflessi fil-liġi rispettiva tagħhom;

KONXJI mill-impenji tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, id-dritt għall-privatezza fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali skont l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipji ta' proporzjonalità u n-neċessità dwar id-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, ir-rispett għall-privatezza, u l-protezzjoni ta' *data* personali skont l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni Nru 108 tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali u l-Protokoll addizzjonali tagħha 181;

WARA LI KKUNSIDRAW id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta Kanadiża dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet u l-leġiżlazzjoni Kanadiża dwar il-privatezza;

WARA LI KKUNSIDRAW l-Opinjoni 1/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Lulju 2017 dwar il-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' *data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri magħmula fi Brussell fil-25 ta' Ġunju 2014;

WAQT LI JINNUTAW l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tiżgura li t-trasportaturi tal-ajru ma jiġux imwaqqfa milli jikkonformaw mal-liġi Kanadiża dwar it-trasferiment tad-*data* tal-PNR mill-Unjoni Ewropea lill-Kanada f'konformità ma' dan il-Ftehim;

WAQT LI JIRRIKONOXXU li dan il-Ftehim mhux maħsub li japplika għal informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri li tinġabar u tiġi trażmessa mit-trasportaturi tal-ajru lill-Kanada għall-finijiet tal-kontroll fuq il-fruntieri;

WAQT LI JIRRIKONOXXU wkoll li dan il-Ftehim ma jipprevjenix lill-Kanada milli, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u fejn ikun meħtieġ, tkompli tipproċessa l-informazzjoni mit-trasportaturi tal-ajru sabiex timmitiga kwalunkwe theddida serja u immedjata għat-trasport bl-ajru jew għas-sigurtà nazzjonali, filwaqt li tirrispetta l-limitazzjonijiet stretti stipulati fil-liġi Kanadiża u fi kwalunkwe każ, mingħajr ma tmur lil hinn mil-limitazzjonijiet previsti f'dan il-Ftehim;

WAQT LI JINNUTAW l-interess tal-Partijiet, kif ukoll tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fl-iskambju tal-informazzjoni dwar il-metodu ta' trażmissjoni tad-*data* tal-PNR kif ukoll dwar id-divulgazzjoni tad-*data* tal-PNR 'il barra mill-Kanada kif spjegat fl-Artikoli rilevanti ta' dan il-Ftehim, u waqt li jinnutaw ukoll l-interess tal-Unjoni Ewropea li din il-kwistjoni tiġi indirizzata fil-kuntest tal-konsultazzjoni u tal-mekkaniżmu ta' rieżami stabbilit f'dan il-Ftehim;

WAQT LI JINNUTAW li l-Kanada timpenja ruħha biex l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tipproċessa d-*data* tal-PNR għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità tranżnazzjonali serja f'konformità stretta mas-salvagwardji dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali, kif stabbilit f'dan il-Ftehim;

WAQT LI JENFASIZZAW l-importanza tal-kondiviżjoni tad-*data* tal-PNR u ta' informazzjoni analitika rilevanti u xierqa li jkun fiha *data* tal-PNR, miksuba mill-Kanada skont dan il-Ftehim mal-awtoritajiet tal-pulizija u dawk ġudizzjarji kompetenti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u mal-Europol u l-Eurojust, biex titrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u dik ġudizzjarja;

WAQT LI JAFFERMAW li dan il-Ftehim jirrifletti karatteristiċi speċifiċi tal-oqfsa legali u istituzzjonali tal-Partijiet, kif ukoll tal-kooperazzjoni operazzjonali tagħhom fir-rigward tad-*data* tal-PNR, u ma jikkostitwixxix preċedent għal arranġamenti oħra;

WARA LI KKUNSIDRAW ir-Riżoluzzjonijiet 2396 (2017) u 2482 (2019) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (Standards and Recommended Practices, SARPs) tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (International Civil Aviation Organization, ICAO) għall-ġbir, l-użu, l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* tal-PNR ("is-SARPs tal-ICAO") adottati bħala l-Emenda 28 għall-Anness 9 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago),

FTIEHMU KIF ĠEJ:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Objettiv tal-Ftehim

Dan il-Ftehim, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-trasferiment tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record, PNR) mill-Unjoni Ewropea u l-użu tagħha biex tiġi żgurata s-sigurtà u s-sikurezza tal-pubbliku u jiġu preskritti l-mezzi li bihom tiġi protetta d-*data*.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "trasportatur tal-ajru" tfisser kumpanija ta' trasport kummerċjali li tuża inġenji tal-ajru bħala mezzi ta' trasport għall-passiġġieri li jivvjaġġaw bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea;

(b) "Awtorità Kompetenti Kanadiża" tfisser l-awtorità Kanadiża inkarigata li tirċievi u tipproċessa d-*data* tal-PNR, skont dan il-Ftehim;

(c) "data tat-tluq" tfisser il-perjodu ta' soġġorn legali massimu tal-passiġġieri kkonċernat fil-Kanada, sakemm il-Kanada ma tkunx tista' tiddetermina faċilment u b'mod affidabbli d-data attwali tat-tluq;

(d) "*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri" ("*data* tal-PNR") tfisser ir-rekords maħluqa minn trasportatur tal-ajru għal kull vjaġġ ipprenotat minn kwalunkwe passiġġier jew f'ismu, li jkunu meħtieġa għall-ipproċessar u l-kontroll tal-prenotazzjonijiet. B'mod speċifiku, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-*data* tal-PNR tikkonsisti mill-elementi elenkati fl-Anness ta' dan il-Ftehim;

(e) "ipproċessar" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jitwettaq fuq id-*data* tal-PNR, kemm jekk b'mezzi awtomatiċi kif ukoll jekk le, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, il-ħażna, l-adattament jew l-alterazzjoni, il-prelevazzjoni, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, it-trasferiment, id-disseminazzjoni, id-divulgazzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'mod ieħor, l-allinjament jew it-tqabbil, l-imblukkar, l-immaskjar, it-tħassir jew il-qerda;

(f) "*data* sensittiva" tfisser kwalunkwe informazzjoni li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trade union jew l-informazzjoni dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna.

Artikolu 3

Finijiet tal-użu tad-*data* tal-PNR

1. Il-Kanada għandha tiżgura li d-*data* tal-PNR riċevuta skont dan il-Ftehim tiġi pproċessata strettament għall-fini tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew kriminalità tranżnazzjonali serja u għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR skont it-termini ta' dan il-Ftehim, inkluż għal operazzjonijiet analitiċi.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "reat terroristiku" tfisser:

(a) att jew ommissjoni li jkun twettaq għal skopijiet, objettivi jew kawżi politiċi, reliġjużi jew ideoloġiċi bl-intenzjoni li jintimidaw lill-pubbliku f'dak li jirrigwarda s-sigurtà tiegħu, inkluża s-sigurtà ekonomika tiegħu, jew bl-intenzjoni li jisfurzaw lil persuni, gvernijiet jew organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali biex iwettqu jew biex joqogħdu lura milli jwettqu kwalunkwe att, u li jagħmlu dan intenzjonalment:

(i) jikkawża mewt jew offiża serja fuq il-persuna;

(ii) iqiegħed fil-periklu l-ħajja ta' individwu;

(iii) jikkawża riskju serju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-pubbliku;

(iv) jikkawża dannu sostanzjali fuq proprjetà li aktarx iwassal għall-ħsara msemmija fil-punti minn (i), (ii) u (iii); jew

(v) joħloq interferenza serja ma' servizz, faċilità jew sistema essenzjali jew interruzzjoni serja tagħhom, li ma tkunx tirriżulta minn promozzjoni, protesti, dissens jew waqfien fuq ix-xogħol, bħal strajk, sew jekk legali kif ukoll jekk illegali, li ma jkunux maħsuba biex jikkawżaw il-ħsara msemmija fil-punti (i), (ii) u(iii); jew

(b) attivitajiet li jikkostitwixxu reat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjonijiet u tal-protokolli internazzjonali applikabbli li jikkonċernaw it-terroriżmu u skont kif definit fihom; jew

(c) kwalunkwe parteċipazzjoni jew kontribut intenzjonati f'xi attività li jkollha l-għan li ttejjeb il-kapaċità ta' entità terroristika fl-iffaċilitar jew fit-twettiq ta' att jew ommissjoni mesmmija fil-punt (a) jew (b), jew kwalunkwe struzzjoni mogħtija intenzjonalment lil persuna, grupp jew organizzazzjoni f'dan ir-rigward; jew

(d) it-twettiq ta' reat li jwassal għal att ta' akkuża, fejn l-att jew l-ommissjoni li jkun jikkostitwixxi r-reat inkwistjoni, ikun twettaq għall-ġid ta' xi entità terroristika, taħt it-tmexxija tagħha jew f'assoċjazzjoni magħha; jew

(e) il-ġbir ta' proprjetà jew l-istedina lil persuna, grupp jew organizzazzjoni biex jipprovdu proprjetà jew servizzi finanzjarji jew servizzi oħra relatati, jew il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-propjetà jew is-servizzi imsemmija, bl-iskop li jitwettqu l-att jew l-ommissjoni msemmija fil-punti (a) jew (b), jew l-użu jew il-pussess ta' proprjetà bl-iskop li jitwettaq att jew ommissjoni msemmija fil-punt (a) jew (b); jew

(f) it-tentattiv jew it-theddida li jitwettaq l-att jew l-ommissjoni msemmija fil-punt (a) jew (b), il-komplotti, l-iffaċilitar jew l-għoti ta' struzzjonijiet jew ta' pariri b'rabta ma' att jew ommissjoni mesmmija fil-punt (a) jew (b), jew il-kompliċità wara li jseħħ il-fatt, jew il-protezzjoni jew il-ħabi tiegħu bl-iskop li entità terroristika tkun tista' tiffaċilita jew twettaq att jew ommissjoni msemmija fil-punt (a) jew (b).

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "entità terroristika" tfisser:

(i) persuna, grupp jew organizzazzjoni li, fost skopijiet jew attivitajiet oħra, jiffaċilitaw jew iwettqu att jew ommissjoni mesmmija fil-punt (a) jew (b); jew

(ii) persuna, grupp jew organizzazzjoni li jaġixxu intenzjonalment f'isem persuna, grupp jew organizzazzjoni msemmija fil-punt (i), jew li taġixxi taħt it-tmexxija tagħhom jew f'assoċjazzjoni magħhom.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, kriminalità tranżnazzjonali serja tfisser kwalunkwe reat punibbli fil-Kanada b'ċaħda massima tal-libertà ta' mill-anqas 4 snin jew b'piena aktar ħarxa u hekk kif definiti mil-liġi Kanadiża, jekk l-att kriminali jkun ta' natura tranżnazzjonali.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, reat jitqies li huwa ta' natura tranżnazzjonali jekk jitwettaq:

(a) f'aktar minn pajjiż wieħed;

(b) f'pajjiż wieħed iżda parti sostanzjali tal-preparazzjoni, tal-ippjanar, id-direzzjoni jew il-kontroll tiegħu jseħħu f'pajjiż ieħor;

(c) f'pajjiż wieħed iżda jkun jikkonċerna grupp ta' kriminalità organizzata li jkun involut f'attivitajiet kriminali f'aktar minn pajjiż wieħed;

(d) f'pajjiż wieħed iżda jkollu effetti sostanzjali fuq pajjiż ieħor; jew

(e) f'pajjiż wieħed u l-awtur tar-reat ikun jinsab f'pajjiż ieħor jew ikollu l-intenzjoni li jivvjaġġa lejn pajjiż ieħor.

4. F'każijiet eċċezzjonali, l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tista' tipproċessa d-*data* tal-PNR meta dan ikun neċessarju, biex tipproteġi l-interessi vitali ta' kwalunkwe individwu, bħal f'każ ta':

(a) riskju ta' mewt jew ta' korriment gravi; jew

(b) riskju sinifikanti għas-saħħa pubblika, b'mod partikolari skont kif meħtieġ mill-istandards rikonoxxuti fuq livell internazzjonali.

5. Il-Kanada tista' tipproċessa wkoll id-*data* tal-PNR fuq bażi ta' każ b'każ fejn id-divulgazzjoni tad-*data* tal-PNR rilevanti tkun ordnata:

(a) minn qorti jew tribunal amministrattiv Kanadiżi fi proċediment relatat direttament ma' skop skont l-Artikolu 3(1); jew

(b) minn qorti kriminali Kanadiża jekk l-ordni ssir biex ikun hemm konformità mad-drittijiet ta' imputat skont il-Karta Kanadiża tad-Drittijiet u l-Libertajiet.

Artikolu 4

Żgurar li tiġi pprovduta d-*data* tal-PNR

1. L-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li t-trasportaturi tal-ajru ma jiġux impediti milli jittrasferixxu d-*data* tal-PNR lill-Awtorità Kompetenti Kanadiża, f'konformità ma' dan il-Ftehim.

2. Il-Kanada ma għandhiex tobbliga li trasportatur tal-ajru jipprovdi elementi tad-*data* tal-PNR li ma jkunux diġà nġabru jew nżammu mit-trasportatur tal-ajru għall-finijiet ta' prenotazzjoni.

3. F'konformità ma' dan il-Ftehim, il-Kanada għandha tħassar kwalunkwe *data* trasferita lilha minn trasportatur tal-ajru hekk kif tirċeviha, jekk dak l-element tad-*data* li tkun irċeviet mhuwiex elenkat fl-Anness.

4. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li t-trasportaturi tal-ajru jistgħu jittrasferixxu d-*data* tal-PNR lill-Awtorità Kompetenti Kanadiża permezz ta' aġenti awtorizzati, li jaġixxu f'isem it-trasportatur tal-ajru jew jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim u skont il-kundizzjonijiet stipulati fih.

Artikolu 5

Adegwatezza

Soġġett għall-konformità ma' dan il-Ftehim, l-ipproċessar u l-użu tad-data tal-PNR mill-Awtorità Kompetenti Kanadiża jitqiesu li jipprovdu livell adegwat ta' protezzjoni, fis-sens tal-liġi tal-Unjoni Ewropea rilevanti dwar il-protezzjoni tad-*data*. Trasportatur tal-ajru li jipprovdi lill-Kanada b'*data* tal-PNR skont dan il-Ftehim jitqies konformi mar-rekwiżiti legali tal-Unjoni Ewropea għat-trasferiment tad-*data* tal-PNR mill-Unjoni Ewropea lill-Kanada.

Artikolu 6

Kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja

1. Hekk kif ikun prattikabbli, il-Kanada għandha tikkondividi informazzjoni analitika rilevanti u adatta li jkun fiha *data* tal-PNR miksuba skont dan il-Ftehim, mal-Europol u mal-Eurojust, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom, jew mal-pulizija jew ma' xi awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Il-Kanada għandha tiżgura li din l-informazzjoni tkun kondiviża f'konformità ma' ftehimiet u arranġamenti dwar l-infurzar tal-liġi jew il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kanada u l-Europol, il-Eurojust jew l-Istat Membru kkonċernat.

2. Il-Kanada għandha tikkondividi, fuq talba min-naħa tal-Europol jew tal-Eurojust, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom jew min-naħa tal-pulizija jew ta' awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, id-*data* tal-PNR jew informazzjoni analitika li jkun fiha *data* tal-PNR miksuba skont dan il-Ftehim, f'każijiet speċifiċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni, fl-Unjoni Ewropea, ta' reat terroristiku jew kriminalità serja tranżnazzjonali. Il-Kanada għandha tqiegħed din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni, f'konformità ma' ftehimiet u arranġamenti dwar l-infurzar tal-liġi, il-kooperazzjoni ġudizzjarja jew il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, bejn il-Kanada u l-Europol, il-Eurojust jew l-Istat Membru kkonċernat.

KAPITOLU 2

SALVAGWARDJI APPLIKABBLI GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* TAL-PNR

Artikolu 7

Nondiskriminazzjoni

Il-Kanada għandha tiżgura li s-salvagwardji applikabbli għall-ipproċessar tad-*data* tal-PNR japplikaw għall-passiġġieri kollha fuq bażi ugwali mingħajr diskriminazzjoni illegali.

Artikolu 8

L-użu ta' *data* sensittiva

Kwalunkwe pproċessar ta' *data* sensittiva tal-PNR kif definit fl-Artikolu 2 huwa pprojbit skont dan il-Ftehim. Sa fejn id-*data* tal-PNR riċevuta skont dan il-Ftehim mill-Awtorità Kompetenti Kanadiża tinkludi *data* sensittiva, l-Awtorità Kompetenti Kanadiża għandha tħassar id-*data* sensittiva.

Artikolu 9

Sigurtà u integrità tad-*data*

1. Il-Kanada għandha timplimenta miżuri regolatorji, proċedurali jew tekniċi biex tipproteġi d-*data* tal-PNR minn aċċess, ipproċessar jew telf aċċidentali, illegali jew mhux awtorizzat.

2. Il-Kanada għandha tiżgura l-verifika tal-konformità u l-protezzjoni, is-sigurtà, il-kunfidenzjalità, u l-integrità tad-*data*. Il-Kanada għandha:

(a) tapplika proċeduri ta' kriptaġġ, ta' awtorizzazzjoni, u ta' dokumentazzjoni għad-*data* tal-PNR;

(b) tillimita l-aċċess għad-*data* tal-PNR għall-uffiċjali awtorizzati;

(c) iżomm id-*data* tal-PNR f'ambjent fiżiku sigur li jkun protett b'kontrolli tal-aċċess; u

(d) tistabbilixxi mekkaniżmu li jiżgura li l-mistoqsijiet marbuta mad-*data* tal-PNR isiru b'mod li jkun konsistenti mal-Artikolu 3.

3. Jekk id-*data* tal-PNR ta' individwu tiġi aċċessata jew divulgata mingħajr awtorizzazzjoni, il-Kanada għandha tieħu miżuri biex tinnotifika lil dak l-individwu, biex tnaqqas ir-riskju ta' ħsara, u biex tieħu azzjoni ta' rimedju.

4. Il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tinforma minnufih lill-Kummissjoni Ewropea bi kwalunkwe inċident sinifikanti li jkun jinvolvi l-aċċess, l-ipproċessar jew it-telf aċċidentali, illegali jew mhux awtorizzat tad-*data* tal-PNR.

5. Il-Kanada għandha tiżgura li kwalunkwe ksur tas-sigurtà tad-*data*, b'mod partikolari dak li jwassal għall-qerda aċċidentali jew illegali jew għat-telf aċċidentali, l-alterazzjoni, id-divulgazzjoni jew l-aċċess mhux awtorizzati, jew għal kwalunkwe forma illegali ta' pproċessar, ikun soġġett għal miżuri korrettivi effettivi u dissważivi li jistgħu jinkludu sanzjonijiet.

Artikolu 10

Sorveljanza

1. Is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* għall-ipproċessar tad-*data* tal-PNR skont dan il-Ftehim għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza minn awtorità pubblika indipendenti waħda jew aktar (l-"awtoritajiet ta' sorveljanza"). Il-Kanada għandha tiżgura li l-awtoritajiet ta' sorveljanza jkollhom setgħat effettivi biex jinvestigaw li-konformità mar-regoli relatati mal-ġbir, l-użu, id-divulgazzjoni, iż-żamma, jew it-tħassir tad-*data* tal-PNR. L-awtoritajiet ta' sorveljanza jistgħu iwettqu rieżamijiet u investigazzjonijiet ta' konformità, jistgħu jirrapportaw is-sejbiet tagħhom u jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità Kompetenti Kanadiża. Il-Kanada għandha tiżgura li l-awtoritajiet ta' sorveljanza għandhom s-setgħa li, meta jkun xieraq, jirreferu ksur tal-liġi marbuta ma' dan il-Ftehim għall-prosekuzzjoni jew għal azzjoni dixxiplinarja.

2. Il-Kanada għandha tiżgura li l-awtoritajiet ta' sorveljanza jiżguraw li l-ilmenti relatati ma' nuqqas ta' konformità ma' dan il-Ftehim jiġu rċevuti, investigati, imwieġba, u rimedjati b'mod xieraq.

3. Barra minn hekk, il-Kanada għandha tapplika dan il-Ftehim soġġett għal rieżami indipendenti minn entitajiet pubbliċi maħtura oħra, li għandhom il-mandat li jiżguraw is-sorveljanza jew ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika.

Artikolu 11

Trasparenza u notifika lill-passiġġieri

1. Il-Kanada għandha tiżgura li fuq is-sit web tagħha, l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tagħmel disponibbli l-informazzjoni li ġejja:

(a) lista tal-leġiżlazzjoni li tawtorizza l-ġbir tad-*data* tal-PNR;

(b) ir-raġuni għall-ġbir tad-*data* tal-PNR;

(c) il-mod li bih tiġi protetta d-*data* tal-PNR;

(d) il-mod li bih tista' tiġi divulgata d-*data* u sa liema punt jista' jsir dan;

(e) informazzjoni dwar l-aċċess, il-korrezzjoni, in-notazzjonijiet u r-rimedji; u

(f) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-mistoqsijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu mal-partijiet interessati, bħall-industrija tal-ivvjaġġar bl-ajru, biex jippromwovu t-trasparenza, preferibbilment fil-mument tal-prenotazzjoni, billi jipprovdu lill-passiġġieri bl-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġunijiet għall-ġbir tad-*data* tal-PNR;

(b) l-użu tad-*data* tal-PNR;

(c) il-proċedura biex jintalab aċċess għad-*data* tal-PNR; u

(d) il-proċedura biex tintalab korrezzjoni tad-*data* tal-PNR.

3. Jekk id-*data* tal-PNR miżmuma f'konformità mal-Artikolu 16 tkun intużat soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 jew tkun ġiet divulgata f'konformità mal-Artikolu 19 jew mal-Artikolu 20, filwaqt li tqis l-isforzi raġonevoli, il-Kanada għandha tinnotifika lill-passiġġieri kkonċernati bil-miktub, b'mod individwali u fi żmien raġonevoli malli din in-notifika ma tkunx għadha tista' tipperikola l-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet governattivi ikkonċernati, sal-punt li l-informazzjoni rilevanti ta' kuntatt tal-passiġġieri tkun disponibbli jew tkun tista' tinġibed. In-notifika għandha tinkludi informazzjoni dwar kif l-individwu kkonċernat jista' jfittex rimedju amministrattiv jew ġudizzjarju skont l-Artikolu 14.

Artikolu 12

Aċċess minn individwi għad-*data* tal-PNR tagħhom

1. Il-Kanada għandha tiżgura li kwalunkwe individwu jkun jista' jaċċessa d-*data* tal-PNR tiegħu.

2. Il-Kanada għandha tiżgura li, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-Awtorità Kompetenti Kanadiża:

(a) tipprovdi kopja tad-*data* tal-PNR lill-individwu jekk dan ikun għamel talba bil-miktub għad-*data* tal-PNR tiegħu;

(b) tirrispondi bil-miktub għal kwalunkwe talba li ssirilha;

(c) tipprovdi lill-individwu b'aċċess għal informazzjoni rreġistrata li tikkonferma li d-*data* tal-PNR tal-individwu tkun ġiet divulgata, jekk l-individwu jitlob din il-konferma;

(d) tagħti r-raġunijiet legali jew fattwali għal kull meta tirrifjuta li tippermetti l-aċċess għad-*data* tal-PNR tal-individwu;

(e) tinforma lill-individwu jekk id-*data* tal-PNR ma tkunx teżisti; u

(f) tinforma lill-individwu dwar il-possibbiltà li jressaq ilment u dwar il-proċedura tal-ilmenti.

3. Għall-raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, il-Kanada tista' tagħmel kwalunkwe aċċess għall-informazzjoni skont dan l-Artikolu, soġġett għal rekwiżiti u limitazzjonijiet legali raġonevoli, inklużi kwalunkwe limitazzjoni meħtieġa għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika jew nazzjonali, fir-rispett dovut għall-interessi leġittimi tal-individwu kkonċernat.

Artikolu 13

Korrezzjoni jew annotazzjoni għall-individwi

1. Il-Kanada għandha tiżgura li kwalunkwe individwu jkun jista' jitlob li ssir korrezzjoni tad-*data* tal-PNR tiegħu.

2. Il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tikkunsidra t-talbiet kollha għal korrezzjoni li jsirulha bil-miktub, u f'perjodu ta' żmien raġonevoli:

(a) tikkoreġi d-*data* tal-PNR u tinnotifika lill-individwu kkonċernat li l-korrezzjoni tkun saret; jew

(b) tirrifjuta l-korrezzjoni kollha jew parti minnha, u:

(i) tehmeż nota mad-*data* tal-PNR li tkun tirrifletti kwalunkwe korrezzjoni mitluba li tkun ġiet irrifjutata;

(ii) tinnotifika lill-individwu li:

(A) it-talba għal korrezzjoni ġiet irrifjutata, u tagħti r-raġunijiet legali jew fattwali għal dan;

(B) in-nota skont il-punt(i) ġiet mehmuża mad-*data* tal-PNR; u

(c) tinforma lill-individwu dwar il-possibbiltà li jressaq ilment u dwar il-proċedura tal-ilmenti.

Artikolu 14

Rimedju amministrattiv u ġudizzjarju

1. Il-Kanada għandha tiżgura li awtorità pubblika indipendenti tirċievi, tinvestiga u twieġeb għall-ilmenti mressqa minn individwu dwar it-talba tiegħu għal aċċess, korrezzjoni jew annotazzjoni tad-*data* tal-PNR tiegħu. Il-Kanada għandha tiżgura li l-awtorità rilevanti tinnotifika lill-ilmentatur dwar il-mezzi biex jikseb rimedju ġudizzjarju, ħekk kif previst fil-paragrafu 2.

2. Il-Kanada għandha tiżgura li kwalunkwe individwu li jkun tal-opinjoni li d-drittijiet tiegħu ma jkunux irrispettati minħabba xi deċiżjoni jew azzjoni marbuta mad-*data* tal-PNR tiegħu, jista' jfittex li jikseb rimedju ġudizzjarju f'konformità mal-liġi Kanadiża, permezz ta' rieżami ġudizzjarju jew kwalunkwe rimedju ieħor li jista' jinkludi kumpens.

Artikolu 15

Proċessar awtomatizzat tad-*data* tal-PNR

1. Il-Kanada għandha tiżgura li kwalunkwe proċessar awtomatizzat tad-*data* tal-PNR ikun ibbażat fuq mudelli u kriterji mhux diskriminatorji, speċifiċi u affidabbli stabbiliti minn qabel biex l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tkun tista':

(a) tasal għal riżultati li jkollhom fil-mira individwi li jistgħu jkunu taħt suspett raġonevoli ta' involviment jew parteċipazzjoni f'reati terroristiċi jew kriminalità tranżnazzjonali serja; jew

(b) f'ċirkustanzi eċċezzjonali, tipproteġi l-interessi vitali ta' kwalunkwe individwu kif stabbilit fl-Artikolu 3(4).

2. Il-Kanada għandha tiżgura li l-bażijiet tad-*data* li magħhom titqabbel id-*data* tal-PNR ikunu affidabbli, aġġornati u limitati għal dawk il-bażijiet tad-*data* li hija tuża fir-rigward tal-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

3. Il-Kanada ma għandhiex tieħu deċiżjonijiet li jkunu jolqtu individwu b'mod sinifikattivament negattiv abbażi biss tal-ipproċessar awtomatizzat tad-*data* tal-PNR.

Artikolu 16

Żamma tad-*data* tal-PNR

1. Il-Kanada ma għandhiex iżżomm *data* tal-PNR għal aktar minn 5 snin mid-data li fiha tirċievi d-*data* tal-PNR.

2. Il-Kanada għandha tirrevedi l-perjodu taż-żamma tad-*data* tal-PNR kull sentejn u tiddetermina jekk dan jibqax proporzjonat mal-livell ta' riskju ta' terroriżmu u kriminalità tranżnazzjonali serja li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea u jgħaddu minnha. Il-Kanada għandha tipprovdi rapport klassifikat lill-Unjoni Ewropea li jiddeskrivi l-eżitu tar-rieżami, inkluż il-livell ta' riskju identifikat, il-fatturi kkunsidrati fit-tnaqqis tal-perjodu taż-żamma tad-*data*, u d-deċiżjoni ta' żamma relatata.

3. Id-*data* tal-PNR tista' tinżamm skont dan il-Ftehim lil hinn mid-data tat-tluq tal-passiġġier, fejn il-Kanada tqis li hemm konnessjoni mal-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3, abbażi ta' elementi oġġettivi li minnhom jista' jiġi inferit li d-*data* tal-PNR tista' tagħti kontribut effettiv biex jiġu indirizzati dawk il-finijiet.

4. Il-Kanada għandha tirrestrinġi l-aċċess għad-*data* tal-PNR għal għadd limitat ta' uffiċjali speċifikament awtorizzati minnha.

5. L-użu tad-*data* tal-PNR miżmuma skont dan l-Artikolu huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17.

6. Il-Kanada għandha tagħmel anonima d-*data* tal-PNR billi taħbi l-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-passiġġieri kollha sa mhux aktar tard minn 30 jum wara li tirċeviha.

7. Il-Kanada tista' tikxef d-*data* tal-PNR biss jekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, ikun meħtieġ li jitwettqu xi investigazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3, kif ġej:

(a) minn 30 jum sa sentejn wara l-wasla inizjali, minn għadd limitat ta' uffiċjali speċifikament awtorizzati f'dan ir-rigward biss; u

(b) minn sentejn sa ħames snin wara l-wasla inizzjali, bil-permess minn qabel tal-Kap tal-Awtorità Kanadiża Kompetenti, jew ta' uffiċjal anzjan li jkollu mandat speċifiku mill-Kap, biss.

8. Minkejja l-paragrafu 1:

(a) Il-Kanada tista' żżomm id-*data* tal-PNR li tkun tenħtieġ għal xi azzjoni speċifika, rieżami, investigazzjoni, azzjoni ta' infurzar, proċediment ġudizzjarju, prosekuzzjoni, jew infurzar ta' penali, sakemm tintemm l-azzjoni inkwistjoni;

(b) Il-Kanada għandha żżomm id-*data* tal-PNR imsemmija fil-punt (a) għal perjodu addizzjonali ta' sentejn biss biex tiżgura r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika jew biex tissorveljaha, sabiex id-*data* tkun tista' tiġi ddivulgata lill-passiġġieri jekk dawn jagħmlu talba għaliha.

9. Il-Kanada għandha teqred id-*data* tal-PNR hekk kif jintemm il-perjodu ta' żamma tad-*data* tal-PNR.

Artikolu 17

Kundizzjonijiet għall-użu tad-*data* tal-PNR

L-Awtorità Kompetenti Kanadiża tista' tuża biss *data* tal-PNR miżmuma f'konformità mal-Artikolu 16 għal skopijiet oħra minbarra s-sigurtà u l-verifiki ta' kontroll fuq il-fruntieri, meta ċirkustanzi ġodda bbażati fuq raġunijiet oġġettivi jindikaw li d-*data* tal-PNR ta' passiġġier wieħed jew aktar tista' tagħti kontribut effettiv għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 3. Kwalunkwe użu bħal dan, inkluż id-divulgazzjoni, għandu jkun soġġett għal rieżami minn qabel minn qorti jew minn korp amministrattiv indipendenti abbażi ta' talba motivata mill-awtoritajiet kompetenti fil-qafas tal-proċeduri għall-prevenzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' kriminalità, ħlief:

(a) f'każijiet ta' urġenza stabbilita b'mod validu; jew,

(b) għall-fini tal-verifika tal-affidabbiltà u tal-munita tal-mudelli u tal-kriterji stabbiliti minn qabel li fuqhom huwa bbażat il-proċessar awtomatizzat ta'*data* tal-PNR, jew tad-definizzjoni ta' mudelli u ta' kriterji ġodda għal tali proċessar awtomatizzat..

Artikolu 18

Illoggjar u dokumentazzjoni tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR

Il-Kanada għandha tilloggja u tiddokumenta l-ipproċessar kollu ta' *data* tal-PNR. Il-Kanada għandha tuża reġistru jew dokument biss biex:

(a) tagħmel awtomonitoraġġ u tivverifika l-legalità tal-ipproċessar tad-*data*;

(b) tiżgura l-integrità tad-*data* jew il-funzjonalità tas-sistema xierqa;

(c) tiżgura s-sigurtà tal-ipproċessar tad-*data*; u

(d) tiżgura s-sorveljanza u r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika.

Artikolu 19

Id-divulgazzjoni fil-Kanada

1. Il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża ma tiddivulgax *data* tal-PNR lil awtoritajiet governattivi oħra fil-Kanada sakemm ma jkunux sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-*data* tal-PNR tiġi ddivulgata lill-awtoritajiet governattivi li l-funzjonijiet tagħhom ikunu relatati direttament mal-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;

(b) id-*data* tal-PNR tiġi ddivulgata biss fuq bażi ta' każ b'każ;

(c) iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ irendu d-divulgazzjoni neċessarja għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;

(d) jiġi ddivulgat biss l-ammont minimu ta' *data* tal-PNR meħtieġ;

(e) l-awtorità governattiva riċeventi toffri protezzjoni li tkun ekwivalenti għas-salvagwardji previsti f'dan il-Ftehim; u

(f) l-awtorità governattiva riċeventi ma tiddivulgax id-*data* tal-PNR lil entità oħra sakemm id-divulgazzjoni ma tkunx ġiet awtorizzata mill-Awtorità Kompetenti Kanadiża, b'rispett lejn il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu.

2. Meta tiġi trasferita informazzjoni analitika li jkun fiha d-*data* tal-PNR miksuba skont dan il-Ftehim, għandhom jiġu rrispettati s-salvagwardji applikabbli għad-*data* tal-PNR imsemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 20

Divulgazzjoni 'l barra mill-Kanada

1. Il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża ma tiddivulgax *data* tal-PNR lill-awtoritajiet governattivi f'pajjiżi oħra li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea sakemm ma jkunux sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-*data* tal-PNR tiġi ddivulgata lill-awtoritajiet governattivi li l-funzjonijiet tagħhom ikunu relatati direttament mal-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;

(b) id-*data* tal-PNR tiġi ddivulgata biss fuq bażi ta' każ b'każ;

(c) id-*data* tal-PNR tiġi ddivulgata biss jekk dan ikun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 3;

(d) tiġi ddivulgata biss id-*data* tal-PNR minima meħtieġa;

(e) il-pajjiż li lilu tiġi ddivulgata d-*data* ikun jew ikkonkluda Ftehim mal-Unjoni Ewropea li jipprovdi għall-protezzjoni ta' *data* personali komparabbli ma' dan il-Ftehim jew ikun soġġett għal deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea, li ssib li l-imsemmi pajjiż jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* fis-sens tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1,il-punt (e), l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tista' tikkondividi *data* tal-PNR ma' pajjiż ieħor jekk il-Kap tal-Awtorità Kompetenti Kanadiża, jew uffiċjal għoli b'mandat speċifiku mill-Kap, iqis li d-divulgazzjoni hija meħtieġa għall-prevenzjoni jew l-investigazzjoni ta' theddida serja u imminenti għas-sigurtà pubblika u jekk dak il-pajjiż jipprovdi assigurazzjoni bil-miktub, skont arranġament, ftehim jew mod ieħor li l-informazzjoni se tkun protetta f'konformità mal-protezzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. Jekk, f'konformità mal-paragrafu 1, l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tiddivulga d-*data* tal-PNR ta' individwu li jkun ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tinnotifika lill-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat bid-divulgazzjoni malajr kemm jista' jkun. Il-Kanada għandha toħroġ din in-notifika f'konformità ma' ftehimiet jew arranġamenti dwar l-infurzar tal-liġi jew il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Kanada u l-Istat Membru kkonċernat.

4. Meta tiġi trasferita informazzjoni analitika li jkun fiha d-*data* tal-PNR miksuba skont dan il-Ftehim, għandhom jiġu rrispettati s-salvagwardji applikabbli għad-*data* tal-PNR imsemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 21

Metodu tat-trasferiment

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li t-trasportaturi tal-ajru jittrasferixxu *data* tal-PNR lill-Awtorità Kompetenti Kanadiża biss fuq il-bażi tal-metodu "push" u f'konformità mal-proċeduri li ġejjin li għandhom jiġu osservati mit-trasportaturi tal-ajru:

(a) jittrasferixxu *data* tal-PNR b'mezzi elettroniċi f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi tal-Awtorità Kompetenti Kanadiża jew, f'każ ta' ħsara teknika, bi kwalunkwe mezz xieraq ieħor li jiżgura livell xieraq ta' sigurtà tad-*data*;

(b) jittrasferixxu *data* tal-PNR b'format ta' messaġġi li jkun aċċettat b'mod reċiproku;

(c) jittrasferixxu *data* tal-PNR b'mod sigur billi jużaw il-protokolli komuni meħtieġa mill-Awtorità Kompetenti Kanadiża.

Artikolu 22

Frekwenza tat-trasferiment

1. Il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża titlob lit-trasportatur tal-ajru biex jittrasferixxi d-*data* tal-PNR:

(a) fuq bażi ta' skeda fejn l-aktar kmieni jkun sa 72 siegħa qabel it-tluq skedat; u

(b) għal massimu ta' ħames darbiet, għal titjira partikolari.

2. Il-Kanada għandha tiżgura li l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tinforma lit-trasportaturi tal-ajru bil-ħinijiet speċifiċi għat-trasferimenti.

3. F'każijiet speċifiċi, fejn ikun hemm indikazzjoni li jkun meħtieġ aċċess addizzjonali b'reazzjoni għal xi theddida speċifika relatata mal-kamp ta' applikazzjoni, kif deskritt fl-Artikolu 3, l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tista' titlob lit-trasportatur tal-ajru jipprovdi *data* tal-PNR qabel jew wara t-trasferimenti skedati jew bejniethom. Fl-eżerċitar ta' din id-diskrezzjoni, il-Kanada għandha taġixxi b'mod ġudizzjuż u proporzjonali u teħtieġ l-użu tal-metodu ta' trasferiment imsemmi fl-Artikolu 21.

KAPITOLU 3

DISPOŻIZZJONIJIET IMPLIMENTATTIVI U FINALI

Artikolu 23

***Data* tal-PNR riċevuta qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim**

Il-Kanada għandha tapplika l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għad-*data* tal-PNR kollha li tkun qed iżżomm fiż-żmien meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

Artikolu 24

Kooperazzjoni

L-awtoritajiet tal-Kanada u tal-Unjoni Ewropea għandhom jikkooperaw bejniethom biex ifittxu l-koerenza tar-reġimi tagħhom tal-ipproċessar tad-*data* tal-PNR b'tali mod li tissaħħaħ ulterjorment is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Kanada, tal-Unjoni Ewropea u ta' bnadi oħra.

Artikolu 25

Nonderoga

Dan il-Ftehim m'għandux jiġi interpretat bħala li jidderoga minn kwalunkwe obbligu bejn il-Kanada u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew pajjiżi terzi biex issir u biex tiġi mwieġba talba għall-assistenza taħt strument ta' assistenza reċiproka.

Artikolu 26

Is-soluzzjoni tat-tilwim u s-sospensjoni

1. Il-Partijiet għandhom isolvu kwalunkwe tilwima li tirriżulta mill-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim b'mezzi diplomatiċi, bil-ħsieb li jaslu għal soluzzjoni aċċettata b'mod reċiproku, li tipprevedi l-possibbiltà li waħda mill-Partijiet tikkonforma fi żmien raġonevoli.

2. Jekk il-Partijiet ma jirnexxilhomx isolvu t-tilwima, kull Parti tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra, b'mezzi diplomatiċi. Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ 120 jum mid-data li fiha tkun saret tali notifika, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux b'mod konġunt li jsir mod ieħor.

3. Il-Parti li tissospendi l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha twaqqaf is-sospensjoni hekk kif it-tilwima tiġi solvuta b'mod li jissodisfa liż-żewġ Partijiet. Il-Parti li tissospendi għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub bid-data li fiha jerġa' jibda japplika dan il-Ftehim.

4. Il-Kanada għandha tkompli tapplika l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għad-*data* tal-PNR kollha li tkun inkisbet qabel is-sospensjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 27

Konsultazzjoni, rieżami, evalwazzjoni u emendi

1. Il-Partijiet għandhom jagħtu pariri lil xulxin dwar kwalunkwe miżura li għandha tiġi ppromulgata li tista' taffettwa lil dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu rieżami konġunt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, minn hemm 'il quddiem b'intervalli regolari, u addizzjonalment jekk jintalab minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet u jiġi deċiż konġuntament. Fit-twettiq ta' dawn ir-rieżamijiet, il-Partijiet għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lin-neċessità u l-proporzjonalità tal-ipproċessar u taż-żamma tad-*data* tal-PNR għal kull wieħed mill-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 3. Il-Partijiet jaqblu li r-rieżami konġunt għandu b'mod partikolari jeżamina ż-żamma eċċezzjonali tad-*data* tal-PNR skont l-Artikolu 16(3). Ir-rieżamijiet konġunti għandhom ukoll jinkludu eżamita' kif l-Awtorità Kompetenti Kanadiża tkun żgurat li l-mudelli, kriterji u bażijiet ta' *data* prestabbiliti msemmija fl-Artikolu 15 ikunu affidabbli, rilevanti u aġġornati, b'kont meħud tad-*data* statistika.

3. Il-Partijiet għandhom jevalwaw dan il-Ftehim b'mod konġunt 4 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

4. Il-Partijiet għandhom jiddeċiedu minn qabel dwar il-modalitajiet tar-rieżami konġunt u għandhom jgħarrfu lil xulxin dwar il-kompożizzjoni tat-timijiet rispettivi tagħhom. Għall-finijiet ta' tali rieżami, l-Unjoni Ewropea għandha tiġi rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. It-timijiet għandhom jinkludu esperti rilevanti fl-oqsma tal-protezzjoni tad-*data* u tal-infurzar tal-liġi. Soġġett għal-liġijiet applikabbli, il-Partijiet għandhom jeżiġu li kwalunkwe parteċipant f'rieżami jirrispetta l-kunfidenzjalità tad-diskussjonijiet u li jkollu awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà xierqa. Għall-finijiet ta' kwalunkwe rieżami, il-Kanada għandha tipprovdi fuq talba, l-aċċess għad-dokumentazzjoni, l-istatistika, is-sistemi, u l-persunal rilevanti.

5. Wara kull rieżami konġunt, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-Kanada għandha tingħata l-opportunità li tipprovdi l-kummenti bil-miktub li huma mehmuża mar-rapport.

6. Jekk Parti tipproponi li jiġi emendat dan il-Ftehim, għandha tagħmel dan bil-miktub.

Artikolu 28

Terminazzjoni

1. Parti tista' ttemm dan il-Ftehim fi kwalunkwe ħin billi tavża lill-Parti l-oħra b'mezzi diplomatiċi dwar l-intenzjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat 120 jum wara li n-notifika tasal għand il-Parti l-oħra.

2. Il-Kanada għandha tkompli tapplika l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għad-*data* tal-PNR kollha li tkun inkisbet qabel it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 29

Durata

1. Soġġett għall-paragrafu 2, dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' 7 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. Fi tmiem kull perjodu ta' 7 snin, dan il-Ftehim għandu jiġġedded awtomatikament għal perjodu addizzjonali ta' 7 snin, sakemm Parti waħda ma tavżax lill-Parti l-oħra, bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi, mill-inqas 6 xhur qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 7 snin, li mhijiex bħsiebha ġġedded dan il-Ftehim.

3. Il-Kanada għandha tkompli tapplika l-kundizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għad-*data* tal-PNR kollha li tkun inkisbet qabel it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 30

Applikazzjoni territorjali

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju tal-Kanada, u għat-territorju tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Kanada dwar l-Istati Membri li dan il-Ftehim japplika għat-territorji tagħhom. Sussegwentement, hija tista', fi kwalunkwe ħin, tinnotifika kwalunkwe bidla fiha.

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet Finali

1. Kull Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub meta tkun lestiet il-proċeduri kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tat-tieni notifika.

2. Il-Kanada għandha tinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ftehim b'mezzi diplomatiċi dwar l-identità tal-awtoritajiet li ġejjin:

(a) l-Awtorità Kompetenti Kanadiża msemmija fl-Artikolu 2(b)

(b) l-awtoritajiet pubbliċi indipendenti kif imsemmija fl-Artikolu 10 l-Artikolu 14(1); u

(c) il-korp amministrattiv indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 17.

Il-Kanada għandha tinnotifika mingħajr dewmien kwalunkwe tibdil fl-identità ta' dawk l-awtoritajiet.

3. L-Unjoni Ewropea għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Dan il-Ftehim jissostitwixxi kwalunkwe dispożizzjoni preċedenti dwar l-ipproċessar ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri u *data* tal-PNR inkluż il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Kanada u l-Komunità Ewropea dwar l-ipproċessar tal-Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri u tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri, magħmul fil-Lussemburgu fit-3 ta' Ottubru 2005

Magħmul f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, b'kull test ikollu l-istess awtentiċità.

Съставено в Мирабела Еклано на четвърти октомври две хиляди двадесет и четвърта година.

Hecho en Mirabella Eclano, el cuatro de octubre de dos mil veinticuatro.

V Mirabella Eclano dne čtvrtého října dva tisíce dvacet čtyři.

Udfærdiget i Mirabella Eclano, den fjerde oktober to tusind og fireogtyve.

Geschehen zu Mirabella Eclano am vierten Oktober zweitausendvierundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne neljanda aasta oktoobrikuu neljandal päeval Mirabella Eclanos.

Έγινε στη Μιραμπέλα Εκλάνο στις τέσσερις Οκτωβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τέσσερα.

Done at Mirabella Eclano on the fourth day of October in the year two thousand and twenty four.

Fait à Mirabella Eclano, le quatre octobre deux mille vingt-quatre.

Arna dhéanamh in Mirabella Eclana, an ceathrú lá de mhí Dheireadh Fómhair sa bhliain dhá mhíle, fiche a ceathair.

Sastavljeno u Mirabelli Eclano četvrtog listopada dvije tisuće dvadeset četvrte.

Fatto a Mirabella Eclano, addì quattro ottobre duemilaventiquattro.

Mirabella Eklano, divi tūkstoši divdesmit ceturtā gada ceturtajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt ketvirtų metų spalio ketvirtą dieną Mirabela Eklane.

Kelt Mirabella Eclanóban, a kétezer-huszonnegyedik év október havának negyedik napján.

Magħmul f'Mirabella Eclano, fl-erbgħa ta' Ottubru fis-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.

Gedaan te Mirabella Eclano, vier oktober tweeduizend vierentwintig.

Sporządzono w Mirabella Eclano dnia czwartego października roku dwa tysiące dwudziestego czwartego.

Feito em Mirabella Eclano, em quatro de outubro de dois mil e vinte e quatro.

Întocmit la Mirabella Eclano la patru octombrie două mii douăzeci și patru.

V Mirabella Eclano štvrtého októbra dvetisícdvadsaťštyri.

V Mirabelli Eclano, četrtega oktobra dva tisoč štiriindvajset.

Tehty Mirabella Eclanossa neljäntenä päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäneljä.

Som skedde i Mirabella Eclano den fjärde oktober år tjugohundratjugofyra.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Канада
Por Canadá
Za Kanadu
For Canada
Für Kanada
Kanada nimel
Για τον Καναδά
For Canada
Pour le Canada
Thar ceann Cheanada
Za Kanadu
Per il Canada
Kanādas vārdā –
Kanados vardu
Kanada részéről
Għall-Kanada
Voor Canada
W imieniu Kanady
Pelo Canadá
Pentru Canada
Za Kanadu
Za Kanado
Kanadan puolesta
För Kanada



ANNESS

Elementi tad-*data* tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri msemmija fl-Artikolu 2(d)

1. Il-kodiċi lokalizzatur tal-PNR
2. Id-data tal-prenotazzjoni/ħruġ tal-biljett
3. Data(i) tal-ivvjaġġar ippjanat
4. Isem/ismijiet
5. Informazzjoni dwar vjaġġaturi frekwenti (id-dežinjatur tal-linja tal-ajru jew tal-bejjiegħ li jamministra l-programm, in-numru ta' vjaġġaturi frequent flyer, il-livell ta' sħubija, id-deskrizzjoni tal-livell u l-kodiċi tal-alleanza)
6. Ismijiet oħra fil-PNR, inkluż in-numru ta' vjaġġaturi fil-PNR
7. L-indirizz, in-numru tat-telefon u l-informazzjoni ta' kuntatt elettroniku tal-passiġġier, il-persuni li għamlu l-prenotazzjoni tat-titjira għall-passiġġier, persuni li permezz tagħhom jista' jiġi kkuntattjat passiġġier tal-ajru u persuni li għandhom jiġu infurmati f'każ ta' emerġenza
8. L-informazzjoni kollha disponibbli dwar ħlas/ħruġ ta' kontijiet (mhux inklużi dettalji oħra ta' tranżazzjonijiet marbuta ma' karta tal-kreditu jew ma' kont u mhux marbuta mat-tranżazzjoni tal-ivvjaġġar)
9. L-itinerarju kollu tal-vjaġġ għal PNR speċifiku
10. L-aġenzija tal-ivvjaġġar/aġent tal-ivvjaġġar
11. Informazzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi
12. L-informazzjoni maqsuma/diviża
13. L-istatus tal-ivvjaġġar tal-passiġġier (inklużi l-konfermi u l-istatus tar-reġistrazzjoni)
14. L-informazzjoni dwar il-qtugħ ta' biljetti, inkluż in-numru tal-biljett, il-biljetti mingħajr ritorn u d-dettalji tal-Automated Ticket Fare Quote
15. L-informazzjoni kollha dwar il-bagalji
16. L-informazzjoni dwar is-sit, inkluż in-numru tas-sit
17. Informazzjoni Supplimentari Oħra (Other Supplementary Information, OSI), Informazzjoni Speċjali dwar is-Servizz (Special Service Information, SSI) u Informazzjoni dwar Talba għal Servizz Speċjali (Special Service Request, SSR)
18. Kwalunkwe *data* dwar informazzjoni bil-quddiem dwar il-Passiġġieri (advance passenger information, API) li tkun inġabret minħabba l-prenotazzjoni
19. Il-bidliet storiċi kollha għad-*data* tal-PNR elenkati fil-punti (1) sa (18)